# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVIL

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Gigha, 26 ta’ April, 2002.**

**Kawza Numru: 24**

**Citaz. Nru. 1116/00GV**

Doc. 233-02

**Joseph u Carmen konjugi Gaffarena**

**vs**

**Daewoo Malta Limited u b’digriet tat-30 ta’ Marzu, 2001 l-isem gie mibdul ghal Paola Motors Limited.**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta’ erba’ u ghoxrin elf lira (Lm24,000) liema somma hija dovuta skond skrittura privata datata 27 ta’ April, 1999, u dana billi l-vetturi hemm imsemmija ma gewx konsenjati sa l-ahhar tas-sena li ghaddiet u ghalhekk l-ammont hawn mitlub konsistenti f’erba’ pagamenti rateali gew dovuta fl-1 ta’ Frar, Marzu, April u Mejju tas-sena kurrenti u dana billi fuq l-ewwel pagament gja hemm kawza pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Premess illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero' baqa' inadempjenti u anzi sahaq jallega li hemm kambjala ghal din is-somma, li fil-fatt m'hemmx.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba' u ghoxrin elf lira (Lm24,000) dovuti skond l-iskrittura privat datata 27 ta' April 1999;

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi dawk ta' madat ta' sekwestru kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 7 tal-process fejn eccepiet:

1. Fl-ewwel lok il-fatt illi l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut stante illi, anke kif tghid l-iskrittura stess li ghaliha jaghmlu referenza l-atturi (hawn esibita bhala Dok. "A") fl-artikolu 5, l-ammont pretiz kien rappresentat minn kambjali iffirmati u accettati mis-socjeta' konvenuta a favur tal-atturi, liema kambjali ghadhom ma skadewx u jinsabu fil-pussess tal-atturi. Dana jirrizulta wkoll car mill-artikolu 6 tal-istess kuntratt;

2. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku stess l-ammont ma kienx rappresentat minn kambjali, xorta wahda ai termini tal-artikolu 5 tal-istess skrittura (Dok. "A") l-ammont pretiz ghadu mhux dovut, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u kif ghandu jirrizulta mill-interpretazzjoni tal-istess skrittura;

3. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienu l-atturi stess illi ma resqux sabiex jiehdu l-konsenja tal-vetturi msemmija fl-artikolu 5 tal-iskrittura msemmija u ghalhekk ma jistghux jippretendu l-hlas tal-ammont pretiz meta s-socjeta’ konvenuta kienet u ghadha pronta li tikkonsenja l-vetturi msemmija.

4. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi l-ammont pretiz xorta wahda qatt ma jista’ jkun dovut stante li l-atturi naqsu li jwettqu l-obbligi minnhom assunti fl-artikolu 4 tal-istess skrittura Dok. “A” u ma trasferewx lis-socjeta’ konvenuta l-ishma ta’ Gaff Import Limited;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal a fol.18;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ Lm24,000 dovuti skond skrittura privata datata 27 ta’ April, 1999.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li l-ammont pretiz mhux dovut stante li l-ammont

rappresentat mill-kambjala ffirmata u accettata mis-socjeta' konvenuta ma skadietx; Anke kieku stess l-ammont ma kienx rappresentat minn kambjala, xorta wahda a termini ta' l-artikolu 5 ta' l-iskrittura privata Dok A l-ammont pretiz ghadu mhux dovut kif jirrizulta mill-interpretazzjoni ta' l-istess skrittura; Kienu l-atturi stess li ma resqux sabiex jiehdu l-konsenja tal-vatturi imsemmija fl-artikolu 5 ta' l-iskrittura u ghalhekk ma jistghux jippretendu l-hlas ta' l-ammont pretiz meta s-socjeta' konvenuta kienet u ghada pronta li tikkonsenja l-vetturi msemmija. L-ammont pretiz qatt ma jista' jkun dovut stante li l-atturi naqsu li jwettqu l-obbligi minnhom assunti fl-artikolu 4 ta' l-istess skrittura u ma ttrasferewx lis-socjeta' konvenuta l-ishma ta' Gaff Import Ltd.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi b'sentenza f'kawza fuq l-istess mertu bejn l-istess partijiet moghtija fl-14 ta' Dicembru, 2001 minn dina l-Qorti kif preseduta kien gie deciz li l-ammont ta' Lm30,000 imsemmi fl-iskrittura (fol. 10 u 11 para. 5) kien dovut, u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti gew michuda. Illi f'dik il-kawza l-pagament ta' Lm6,000 li kien intalab kien sar dovut u t-talba ta' l-atturi ntlaqghet. Il-bilanc ta' Lm24,000 illum sar dovut ukoll, u ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza imsemmija, t-talba attrici odjerna ghandha tigi milqugha wkoll.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' Lm24,000 dovuti skond skrittura privata datata 27 ta' April, 1999.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**